



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

29 ta' Marzu 2012 *

“Appell — Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali tal-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet għar-Repubblika tal-Polonja għall-perijodu 2008-2012 — Artikoli 9(1) u (3) u 11(2) tad-Direttiva 2003/87 — Kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri — Ugwaljanza fit-trattament”

Fil-Kawża C-504/09 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2009,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn E. Kružíková u K. Herrmann kif ukoll E. White, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

appellanti,

sostnuta minn:

Ir-Renju tad-Danimarka, irrappreżentat minn C. Vang, bħala aġent,

intervenjent fl-appell,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Ir-Repubblika tal-Polonja, irrappreżentata minn M. Szpunar, M. Nowacki u B. Majczyna, bħala aġenti,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

sostnuta minn:

Ir-Repubblika Ċeka, irrappreżentata minn M. Smolek u D. Hadroušek, bħala aġenti,

Ir-Rumanija, irrappreżentata minn V. Angelescu u A. Cazacioc, konsulenti,

intervenjenti fl-appell,

L-Ungerija,

Ir-Repubblika tal-Litwanja,

Ir-Repubblika Slovakka,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, irrappreżentat minn H. Walker, bħala aġent, assistita minn J. Maurici, barrister,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, U. Lõhmus, A. Rosas (Relatur), A. Ó Caoimh u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-29 ta' Settembru 2011,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li saret il-Qorti Ġenerali) tat-23 ta' Settembru 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-183/07, Ġabra p. II-3395, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 1295 finali, tas-26 ta' Marzu 2007, li tirrigwarda l-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika tal-Polonja għall-perjodu mill-2008 sal-2012, skont id-Direttiva 2003/87 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

- 2 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2004/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 338, p. 18), iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2003/87") jipprovdi li:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti għall-emissjoni tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità [...] sabiex tippromwovi t-tnaqqis ta' l-emissjoni tal-gassijiet serra b'manjera effettiva rigward spejjeż u effiċjenza ekonomika."

- 3 L-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi dan li ġej:

"1. Għal kull perjodu taż-żmien riferit fl-Artikolu 11(1) u (2), kull wieħed mill-Istati Membri għandu jżviluppa pjan nazzjonali fejn jiddikjara l-kwantità totali tal-kwoti li jkun beħsiebu jalloka għal dan il-perjodu taż-żmien u kif jipproponi li jallokahom. Il-pjan għandu jkun imsejjes fuq kriterji oġġettivi u

trasparenti, inklużi dawk elenkati fl-Anness III, filwaqt li jitqiesu l-kummenti mill-pubbliku. Mingħajr prġudizzju għat-Trattat [KE], il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-iktar tard sal-31 ta' Diċembru 2003 gwida dwar l-implimentazzjoni tal-kriterji elenkati fl-Anness III.

Għall-perjodu taż-żmien riferit fl-Artikolu 11(1), il-pjan għandu jiġi pplanat [ppubblikat] u nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-iktar tard sal-31 ta' Diċembru [Marzu] 2004. Għall-perjodi sussegwenti taż-żmien, il-pjan għandu jiġi ppubblikat u nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mill-inqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu taż-żmien rilevanti.

2. Il-pjani ta' l-allokazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu kkunsidrati għewwa l-kumitat riferit fl-Artikolu 23(1).

3. Fi żmien tliet xhur min-notifika tal-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet minn Stat Membru skond il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta dan il-pjan, jew kull aspett minnu, fuq il-bażi li ma jkunx kompatibbli mal-kriterji elenkati fl-Anness III jew ma' l-Artikolu 10. L-Istat Membru għandu jieħu deċiżjoni biss skond l-Artikolu 11(1) jew (2) jekk l-emendi proposti jiġu aċċettati mill-Kummissjoni. Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni ta' rifjut mill-Kummissjoni."

4. L-Artikolu 10 ta' din l-istess direttiva jipprovdi li għall-"perjodu taż-żmien ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2005, l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 95 % tal-kwotai mingħajr ħlas. Għall-perjodu taż-żmien ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2008, l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 90 % tal-kwoti mingħajr ħlas".

5. Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/87:

"Għall-perjodu taż-żmien ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2008, u għal kull perjodu taż-żmien ta' ħames snin sussegwenti, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiddeċiedi l-kwantità totali tal-kwoti li jrid jalloka għal dan il-perjodu taż-żmien u jinizja l-proċess ta' l-allokazzjoni ta' dawn il-kwoti lill-operatur ta' kull waħda mill-istallazzjonijiet. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu rilevanti taż-żmien u għandha tkun imsejsa fuq il-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet żviluppat skond l-Artikolu 9 u skond l-Artikolu 10, filwaqt li jitqiesu l-kummenti mill-pubbliku."

6. L-Anness III ta' din l-istess direttiva jelenka tnax-il kriterju applikabbli għall-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni. Il-kriterji Nru 1 sa 3, 5 u 6, 10 u 12 tal-imsemmi anness jipprovdu rispettivament dan li ġej:

"1. Il-kwantità totali tal-ġhotti tal-kwoti li jridu jiġu allokati għall-perjodu rilevanti taż-żmien għandha tkun konsistenti ma' l-obbligu ta' l-Istat Membru li jillimita l-emissjonijiet tiegħu skond id-Deċiżjoni [tal-Kunsill 2002/358/KE, tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twerttiq konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 42, p. 24)] u l-Protokoll ta' Kyoto, fil-waqt li jitqiesu, minn banda waħda, l-proporzjon ta' l-emissjonijiet ġenerali li dawn l-emissjonijiet jirrappreżentaw f'paragun ma' l-emissjonijiet minn sorsi mhux koperti b'din id-Direttiva u, mill-banda l-oħra, il-politiki nazzjonali dwar l-enerġija, u għandhom ikunu konsistenti mal-programm nazzjonali tal-bidla fil-klima. Il-kwantità totali tal-kwoti li trid tiġi allokata ma għandhiex tkun iktar milli x'aktarx li tkun meħtieġa għall-applikazzjoni stretta tal-kriterji ta' dan l-Anness. Qabel is-sena 2008, il-kwantità għandha tkun konsistenti mat-triq lejn il-kisba jew in-nuqqas tal-kisba tal-mira ta' kull wieħed mill-Istati Membri skond id-Deċiżjoni 2002/358/KE u l-Protokoll ta' Kyoto.

2. Il-kwantità totali tal-ġhotti tal-kwoti li trid tiġi allokata għandha tkun konsistenti ma' l-istimi tal-progress attwali u proġettati sabiex iwettqu l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri għall-impennji Komunitarji magħmula skond id-Deċiżjoni [tal-Kunsill 93/389/KEE, tal-

24 ta' Ġunju 1993 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ u ta' gassijiet serra oħrajn fil-Komunità, ĠU L 167, p. 31].

3. Il-kwantitajiet tal-kwoti li jridu jiġu allokat i għandhom ikunu konsistenti mal-potenzali, inkluż il-potenzjal teknoloġiku, ta' l-attivitajiet koperti b'din l-iskema sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jsejsu d-distribuzzjoni tagħhom tal-kwoti fuq l-emissjonijiet medji tal-gassijiet serra skond il-prodott f'kull attività u l-progress li jista' jinkiseb f'kull attività.

[...]

5. Il-pjan ma għandux jiddiskrimina bejn il-kumpaniji jew is-setturi hekk li jiffavorixxi kif mhux mistħoqq lil ċerti impriżi jew attivitajiet skond il-ħtiġiet tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikol[i] 87 [KE] u 88 [KE] tiegħu.
6. Il-pjan għandu jkun fih tagħrif dwar il-manjiera li fiha daww li jidħlu ġodda jkunu kapaċi li jibdedw jipparteċipaw fl-iskema Komunitarja fl-Istati Membri interessati.

[...]

10. Il-pjan għandu jkun fih lista ta' l-istallazzjonijiet koperti b'din id-Direttiva bil-kwantitajiet tal-konċessjonijiet maħsuba li jiġu allokat i lil kull waħda.

[...]

12. Il-pjan għandu jispeċifika l-ammont massimu ta' [tnaqqis ta' emissjonijiet iċċertifikati] u [unitajiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet] li jista' jintuża minn operatori fl-iskema tal-Komunità bħala persentaġġ ta' l-allokkazzjoni tal-kwoti għal kull stallazzjoni. Il-persentaġġ għandu jkun konsistenti ma' l-obbligi supplimentari ta' l-Istati Membri taħt il-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kjoto."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

- 7 Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża huma esposti fil-punti 9 sa 15 tas-sentenza appellata kif ġej:

"9 B'ittra tat-30 ta' Ġunju 2006, ir-Repubblika tal-Polonja nnotifikat lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva [2003/87] bil-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni għall-perijodu bejn l-2008 u l-2012 (iktar 'il quddiem il-PNA [Pollakk]). Skont il-PNA [Pollakk], ir-Repubblika tal-Polonja kellha l-intenzjoni talloka lill-industrija nazzjonali tagħha koperta mi[nn din i]d-Direttiva medja annwali totali ta' 284,648332 miljun tonnellata-ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju (CO₂).

- 10 Il-PNA [Pollakk] ntbagħat flimkien ma' ittra tad-29 ta' Ġunju 2006, tal-Ministeru tal-Ambjent Pollakk, għall-attenzjoni tal-Kummissjoni, fejn ġie indikat li 'it-tabelli li fihom id-data preċedenti, kif ukoll il-previżjonijiet ta' emissjonijiet inkwistjoni fl-Anness 10 tal-linji gwida msemmija iktar 'il fuq ser jintbagħtu lill-Kummissjoni malli tkun riċevuta d-data aġġornata indispensabbli' u li '[i]l-verżjoni definittiva tal-lista nominattiva tal-operatori ta' stallazzjonijiet u l-ammont ta' kwoti allokat i lilhom ser jintbagħtu lill-Kummissjoni wara l-adozzjoni fil-Kunsill tal-Ministri'.

- 11 B'ittra tat-30 ta' Awwissu 2006 indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja, il-Kummissjoni rrilevat li, wara eżami preliminari tal-PNA [Pollakk], dan tal-aħħar ma kienx komplet u li, f'dan l-istadju, ma kienx kompatibbli mal-kriterji Nru 2 u 5 tal-Anness III tad-Direttiva [2003/87]. Għaldaqstant, hija stiednet lir-Repubblika tal-Polonja sabiex tirrispondi, f'terminu ta' għaxart ijiem ta' xogħol,

għal diversi domandi u talbiet ta' informazzjoni addizzjonali. Il-Kummissjoni żiedet li kienet f'pożizzjoni li tiegħu pożizzjoni fuq il-PNA [Pollakk] l-iktar tard fi żmien tlett xhur wara li tirċievi l-informazzjoni kompleta.

- 12 B'ittra tat-30 ta' Ottubru 2006, il-viċi-segretarju tal-Istat tal-Ministeru tal-Ambjent Pollakk talab lill-Kummissjoni ttipposponi t-terminu stabbilit sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu għall-ittra tat-30 ta' Awwissu 2006 sat-tmiem tat-tielet ġimgħa tax-xahar ta' Novembru 2006 u b'mod partikolari sostna li dan iż-żmien addizzjonali jippermettilhu li jipprepara informazzjoni eżatta u li jippreċiża aspetti essenzjali, u dan ikollu bħala konsegwenza li l-Kummissjoni tkun tista' tipproċedi għal evalwazzjoni korretta u realment kompleta tad-dokument ippreżentat.
- 13 Ir-Repubblika tal-Polonja rrispondiet għall-ittra tat-30 ta' Awwissu 2006 b'ittra tad-29 ta' Diċembru 2006. B'ittra tad-9 ta' Jannar 2007, hija kkomunikat xi informazzjoni addizzjonali.
- 14 Fis-26 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva [2003/87], id-[deċiżjoni kkontestata]. F'[din] id-deċiżjoni [...], il-Kummissjoni kkonstatat, essenzjalment, ksur ta' diversi kriterji tal-Anness III ta' [din] id-Direttiva u, għaldaqstant, naqqset bi 76,132937 CO 2 il-kwantita totali annwali ta' kwoti ta' emissjonijiet stabbiliti fil-PNA [Pollakk] sabiex stabbilixxiet il-limitu għal 208,515395 CO 2.
- 15 Il-parti operattiva [dispożittiv] tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi kif ġej:

‘L-ewwel Artikolu

L-aspetti li ġejjin tal-[PNA Pollakk] għall-ewwel perijodu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva [2003/87] huma inkompatibbli, rispettivament, ma':

1. il-kriterji [Nru] 1 [sa] 3 tal-Anness III tad-Direttiva [2003/87]: il-frazzjoni tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati — ekwivalenti għas-somma tal-volum annwali ta' emissjonijiet ta' 76,132937 [CO 2], tal-livell ta' aġġustament konsekuttiv għal kull tnaqqis tan-numru ta' stallazzjonijiet u ta' għoxrin fil-mija tal-kwantità totali ta' kwoti allokati mir-[Repubblika tal-]Polonja skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva [2003/87] — mhijiex konformi mal-istimi mwettqa skont id-Deċiżjoni [Nru] 280/2004/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitaraġġ l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 57) u mhijiex kompatibbli mal-potenzjal, inkluż dak teknoloġiku, ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' attivitajiet li jaqgħu fis-sistema Komunitarja ; din il-frazzjoni titnaqqas sal-livell tal-kwoti allokati minħabba proġetti li jirrigwardaw l-istallazzjonijiet koperti mid-Direttiva [2003/87], li kienu qed jitwettqu fl-2005, u li ppermettew matul din l-istess sena li jitnaqqsu jew li jiġu llimitati l-emissjonijiet tagħhom, meta jkun hemm data ġġustifikata u ivverifikata; barra minn hekk, il-frazzjoni tal-kwantità totali ta' kwoti, potenzjalment ekwivalenti għal 6,2884 [CO 2] fis-sena korrispondenti għall-emissjonijiet addizzjonali tal-istallazzjonijiet ta' kombustjoni, inkwantu dawn l-emissjonijiet mhumieq marbuta esklużivament mal-iżvilupp, minn dawn l-istallazzjonijiet, ta' attivitajiet ġodda u mhumieq sostnuti minn data ġġustifikata u vverifikata, skont il-metodoloġija ġenerali tal-[PNA Pollakk];
2. il-kriterju [Nru] 5 tal-Anness III tad-Direttiva [2003/87]: l-allokazzjoni lil ċerti stallazzjonijiet ta' kwoti ogħla mill-bżonnijiet stmati minħabba r-rikonoxximent tal-miżuri meħuda fi stadju bikri, tal-użu tal-bijomassa jew tal-koġenerazzjoni;
3. il-kriterju [Nru] 6 tal-Anness III tad-Direttiva [2003/87]: l-informazzjoni fuq il-mod li bih il-parteċipanti ġodda jistgħu jibdeu jipparteċipaw fl-iskema Komunitarja;

4. il-kriterju [Nru] 10 tal-Anness III tad-Direttiva [2003/87]: l-intenzjoni tar-[Repubblika tal-] Polonja li tittrasferixxi l-kwoti inizjalment allokati lill-istallazzjonijiet tas-settur tal-produzzjoni tal-kokk [coke] lejn iċ-ċentrali elettriċi fil-każ ta' bejgħ, minn dawn l-istallazzjonijiet, ta' gass tal-kokk liċ-ċentrali elettriċi;
5. il-kriterju [Nru] 12 tal-Anness III tad-Direttiva [2003/87]: il-kwantità massima ta' tnaqqis ta' emissjonijiet iċċertifikati u ta' unità ta' tnaqqis ta' emissjonijiet li l-operaturi jistgħu jużaw fl-iskema Komunitarja, taħt il-forma ta' perċentwali ta' kwoti allokati lil kull stallazzjoni, iffissata għal 25%, ma tikkonformax mal-obbligi supplimentari tar-[Repubblika tal-]Polonja li jirriżultaw mill-Protokoll ta' Kyoto u mad-deċiżjonijiet adottati skont [il-Konvenzjoni qafas dwar tibdil fil-klima tan-Nazzjonijiet Uniti adottata fi New York fid-9 ta' Mejju 1992] jew il-Protokoll ta' Kyoto, inkwantu din hija ogħla mil-limitu ta' 10 %.

Artikolu 2

Mhux ser jitqajmu oġġezzjonijiet għall-[PNA Pollakk], suġġett għall-fatt li l-emendi iktar 'il quddiem jitwettqu b'mod mhux diskriminatorju u jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun, fid-dawl tat-termini neċessarji għat-twettiq tal-proċedura nazzjonali mingħajr dewmien mhux ġustifikat:

1. il-kwantità totali ta' kwoti għall-allokazzjoni fil-kuntest tal-iskema Komunitarja titnaqqas sas-somma: tal-volum annwali ta' emissjonijiet ta' 76,132937 [CO 2], tal-livell ta' aġġustament konsekuttiv għal kull tnaqqis tan-numru ta' stallazzjonijiet u ta' għoxrin fil-mija tal-kwantità totali ta' kwoti allokati mir-[Repubblika tal-]Polonja skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva [2003/87]; il-kwoti allokati lill-istallazzjonijiet ta' kombustjoni addizzjonali huma ddeterminati skont il-metodoloġija ġenerali indikati fil-[PNA Pollakk], fuq il-bażi tad-data tal-emissjonijiet ġġustifikata u vverifikata, li ma tikkonċernax l-attivitajiet il-ġodda tagħhom, filwaqt li l-kwantità totali titnaqqas sal-ammont ta' kull differenza bejn il-kwoti allokati lill-istallazzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq u l-6,2884 [CO 2], korrispondenti għar-riżerva annwali tal-kwoti allokati għal dawn l-istallazzjonijiet; il-kwantità totali tiżdied bil-kwoti allokati minħabba proġetti li jirrigwardaw l-istallazzjonijiet koperti mid-Direttiva [2003/87], li kienu qed jitwettqu matul l-2005, u li ppermettew matul din l-istess sena li jitnaqqsu jew li jiġu llimitati l-emissjonijiet tagħhom, inkwantu dan it-tnaqqis jew dawn il-limitazzjonijiet huma sostnuti data ġġustifikata u vverifikata;
2. il-kwoti allokati lil-istallazzjonijiet mhumix ogħla mill-bżonnijiet stmati, minħabba r-rikonoxximent tal-miżuri meħuda fi stadju bikri, tal-użu tal-bijomassa jew tal-koġenerazzjoni;
3. informazzjoni hija pprovduta fuq il-mod kif il-parteċipanti ġodda jkunu jistgħu jibdwu jipparteċipaw fl-iskema Komunitarja, b'mod konformi mal-[kriterji tal-]Anness III tad-[Direttiva 2003/87] u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 ta' din tal-aħħar;
4. il-kwantità ta' kwoti allokata lil waħda mill-istallazzjonijiet imsemmija fil-[PNA Pollakk] u li għandha attività fuq it-territorju nazzjonali kollu ma tistax tiġi aġġustata minħabba l-għeluq ta' installazzjoni oħra preżenti fuq dan it-territorju;
5. il-limitu massimu ta' tnaqqis ta' emissjonijiet iċċertifikati u tal-unitajiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet li l-operaturi jistgħu jużaw fl-iskema Komunitarja, taħt forma ta' perċentwali ta' kwoti allokata lil kull stallazzjoni, jitnaqqas b'mod li mhuwiex ogħla mil-limitu ta' 10 %.

Artikolu 3

1. Il-kwantità totali annwali medja ta' kwoti li għandhom jiġu allokati mir-[Repubblika tal-Polonja] skont [il-PNA Pollakk] lill-istallazzjonijiet imsemmija f'dan il-pjan u għall-parteċipanti l-ġodda — imnaqqsa, minn naħa, sal-livell tas-somma, tal-livell ta' aġġustament konsekuttiv għal kull tnaqqis

tan-numru ta' stallazzjonijiet u ta' għoxrin fil-mija tal kwantità totali ta' kwoti allokat i mir-[Repubblika tal-]Polonja skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva [2003/87] u, min-naħa l-oħra, sal-ammont tad-differenza bejn il-kwoti allokat i lill-istallazzjonijiet ta' kombustjoni addizzjonali u l-6,2884 miljun tunnellata korrispondenti għar-riżerva annwali għal dawn l-istallazzjonijiet, flimkien mal-kwoti allokat i min-ħabba proġetti li jirrigwardaw l-istallazzjonijiet koperti mid-Direttiva [2003/87], li kienu qed jitwettqu matul l-2005, u li ppermettew matul din l-istess sena li jitnaqqsu jew li jiġu llimitati l-emissjonijiet tagħhom, inkwantu dan it-tnaqqis jew dawn il-limitazzjonijiet, sa fejn dan it-tnaqqis jew limitazzjonijiet jirriżultaw esklużivament mit-tkabbir tal-gamma tal-attivitajiet tagħhom u huma bbażati fuq data ġġustifikata u vverifikata — hija ekwivalenti għal 208,515395 [CO 2] u ma nqabżitx.

2. Il-[PNA Pollakk] jista' jiġi emendat mingħajr approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni jekk l-emenda tirrigwarda l-kwoti allokat i lil ċerti stallazzjonijiet, fil-limiti tal-kwantità totali ta' kwoti li għandhom jiġu allokat i lill-istallazzjonijiet imsemmija fil-pjan, b'konsegwenza ta' titjib fil-kwalità tad-data, jew jekk tikkonsisti fi tnaqqis tal-perċentwali ta' kwoti għall-allokkazzjoni b'xejn fil-limiti ddefiniti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva [2003/87].

3. Kull emenda tal-[PNA Pollakk] meħtieġa sabiex jiġu korretti l-inkompatibbiltajiet indikati fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, iżda li tevita dawk imsemmija fl-Artikolu 2, għandha tiġi nnotifikata l-iktar fiss possibbli, fid-dawl tat-termini neċessarji għat-tweġġ tal-proċeduri nazzjonali mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, u teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva [2003/87]. Kull emenda oħra tal-[PNA Pollakk], bl-eċċezzjoni ta' dawn meħtieġa mill-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, hija inammissibbli.

Artikolu 4

Ir-Repubblika tal-Polonja hija d-destinatarja ta' din id-deċiżjoni.”

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

- 8 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Mejju 2007, ir-Repubblika tal-Polonja ressqet kawża għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 9 Permezz ta' digriet tal-5 ta' Ottubru 2007, il-President tat-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Permezz ta' digrieti tad-19 ta' Novembru 2007 u tal-10 ta' April 2008 rispettivament, ir-Repubblika tal-Litwanja minn naħa, u r-Repubblika Slovakka flimkien mal-Ungerija, min-naħa l-oħra, ġew awtorizzati jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja matul il-proċedura orali.
- 10 Insostenn tar-rikors tiegħu, dan l-Istat Membru qajjem disa' motivi. Dawn kienu essenzjalment ibbażati, minn naħa, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87, jiġifieri l-Artikolu 9(1) u (3) tagħha, tal-kriterji Nru 1 sa 3 u 12 tal-Anness III tagħha kif ukoll tal-Artikolu 13(2) tal-imsemmija direttiva u, min-naħa l-oħra, fuq il-ksur tad-dritt li jsir jaf, waqt il-proċedura, bil-punti ta' fatt li fuq il-bażi tagħhom ġiet adottata d-deċiżjoni kontenzjuża u b'dannu għas-sigurtà tal-enerġija nazzjonali tiegħu.
- 11 Il-Kummissjoni talbet lill-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors.
- 12 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża.
- 13 Qabel kollox, fil-punti 32 sa 46 tal-imsemmja sentenza, il-Qorti Ġenerali evalwat l-ewwel motiv tar-rikors ibbażat fuq l-adozzjoni illegali tad-deċiżjoni kontenzjuża wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87. Hija ddeċidiet li dan it-terminu kien beda jiddekorri min-notifika tal-PNA Pollakk, jiġifieri mit-30 ta' Ġunju 2006, minkejja li dan il-pjan ma

kienx komplet. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li l-oġġezzjonijiet imqajma mill-Kummissjoni, permezz ta' ittra tat-30 ta' Awwissu 2006, rigward ċerti aspetti tiegħu kellhom l-effett li jissospendu dan it-terminu. F'tali ċirkustanzi, fil-punt 47 tas-sentenza appellata hija ċaħdet dan il-motiv bħala infondat.

- 14 Sussegwentement, fil-punti 70 sa 162 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat it-tieni motiv tar-rikors, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87.
- 15 Fil-punti 70 sa 78 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali evalwat il-fondatezza tal-allegazzjoni tal-Kummissjoni, li r-Repubblika tal-Polonja kienet ippreżentat motiv ġdid fl-istadju tar-replika, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87. Skont il-Kummissjoni, it-tieni motiv tar-rikors kien jirrigwarda biss il-mod kif hija użat id-data inkluża fil-PNA Pollakk fl-istadju tal-evalwazzjoni ta' dan tal-aħħar. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punt 79 tal-imsemmija sentenza, l-eżistenza ta' tali motiv ġdid.
- 16 Il-punti 80 sa 98 tas-sentenza appellata huma ddedikati għall-osservazzjonijiet preliminari li jirrigwardaw l-evalwazzjoni tal-fondatezza tat-tieni motiv. Fl-imsemmija punti, il-Qorti Ġenerali fakkret l-għanijiet li tixtieq tilħaq id-Direttiva 2003/87, it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tagħha u, fl-aħħar nett, il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-qorti Komunitarja fuq deċiżjoni bħad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 17 Fil-punti 99 sa 133 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat it-tieni parti tat-tieni motiv li pemezz tiegħu r-Repubblika tal-Polonja kkritikat lill-Kummissjoni li kisret id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva 2003/87. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha ta' sħarriġ taħt l-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva. Fl-ewwel lok, hija kkritikatha li ma għamlitx sempliċement sħarriġ ta' konformità tal-PNA Pollakk, iżda li ssostitwixxiet id-data użata mir-Repubblika tal-Polonja bid-data tagħha stess, miksuba permezz ta' metodu ta' evalwazzjoni tagħha. Fit-tieni lok, hija qieset li l-Kummissjoni kienet marret lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha taħt din l-istess dispożizzjoni, billi ffissat hija nnifisha l-livell massimu għall-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokat fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 18 Fil-punti 134 sa 152 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali eżaminat, għall-finijiet ta' kompletezza, il-fondatezza tal-ewwel parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fid-dawl tal-oneru tal-provi impost fuqha, fid-deċiżjoni kontenzjuża l-Kummissjoni ma pproduċiet l-ebda prova li setgħet turi kif l-għażla tal-metodu ta' analiżi ekonomika u tad-data użata mir-Repubblika tal-Polonja kienu jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, fil-punt 153 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset din il-parti tat-tieni motiv bħala fondata.
- 19 F'tali ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali laqgħat, fil-punt 154 tas-sentenza appellata, it-tieni motiv ikkunsidrat fiż-żewġ partijiet tiegħu, u annullat l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 20 Fl-aħħar nett, fil-punti 155 sa 162 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ttrattat il-kwistjoni dwar il-konsegwenzi tal-annullament tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża fuq id-dispożizzjonijiet l-oħra tagħha. Billi qieset li d-dispożizzjonijiet annullati ma kinux separabbli mill-kumplement ta' din id-deċiżjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 163 tas-sentenza appellata, li tannulla l-imsemmija deċiżjoni kollha kemm hi, mingħajr ma teżamina l-motivi l-oħra mqajma insostenn tar-rikors.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

- 21 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-28 ta' Ġunju 2010, ir-Renju tad-Danimarka ġie awtorizzat jintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni u r-Repubblika Ċeka flimkien mar-Rumanija ġew awtorizzati jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja.
- 22 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tannulla s-sentenza appellata, u
 - tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.
- 23 Ir-Renju tad-Danimarka jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata.
- 24 Ir-Renju Unit jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell u tannulla s-sentenza appellata, ħlief għal dak li jikkonċerna l-ewwel motiv.
- 25 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tiċċad l-appell fl-intier tiegħu fuq il-bażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 116(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
 - fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiċċadx l-appell fl-intier tiegħu, teżamina u tiddeċiedi dwar it-talbiet kollha ppreżentati fl-ewwel istanza u b'mod partikolari teżamina u tiddeċiedi dwar l-ewwel motiv tar-rikors promotur, skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 116(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;
 - fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiċċadx l-appell fl-intier tiegħu, u ma tiddeċidix dwar it-talbiet ippreżentati fil-tieni lok, tiddeċiedi dwar it-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza fit-tielet sad-disa' motiv, wara eżami tal-kawża mill-Qorti tal-Ġustizzja jew mill-Qorti Ġenerali, skont l-evalwazzjoni diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja, u
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 26 Ir-Repubblika Ċeka titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tiċċad l-appell, u
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 27 Ir-Rumanija tappoġġja t-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja.

Fuq l-appell

- 28 Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tqajjem erba' aggravji. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, iddeċidiet *ultra petita* u marret lil hinn mill-kompetenzi ta' s'harriġ. It-tieni nett, hija wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87. It-tielet nett, hija wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 253 KE u l-Artikolu 9(3) tal-imsemmija direttiva. Ir-raba' u l-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fil-klassifikazzjoni ġuridika tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża, billi kkunsidrat dawn id-dispożizzjonijiet bħala mhux separabbli mid-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur mill-Qorti Ġenerali, tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u tal-projbizzjoni li tiddeċiedi ultra petita kif ukoll li marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenzi tagħha ta' sħarriġ

L-argumenti tal-partijiet

- 29 Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u l-projbizzjoni li tiddeċiedi *ultra petita*. Hija marret ukoll lil hinn mill-kompetenzi tagħha ta' sħarriġ, sa fejn eżaminat, bħala t-tieni parti tat-tieni motiv tal-rikors għal annullament, l-allegat ksur tal-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva 2003/87. Madankollu, tali aggravju huwa inammissibbli inkwantu ma joħroġx mill-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja fir-rikors tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeterminat, *ex officio*, is-sens tat-tieni motiv u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li hija kisret. L-argumenti ppreżentati mir-Repubblika tal-Polonja fir-replika tagħha lanqas ma jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu amplifikazzjoni ta' motiv imsemmi qabel fir-rikors.
- 30 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li dan il-aggravju jiġi miċħud. It-tieni parti tat-tieni motiv ġiet imfassla, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, diġà fl-istadju tar-rikors. Anki jekk din il-parti tal-motiv kienet ġiet imfassla b'mod ġenerali, hija kienet ċara biżżejjed. L-allegazzjonijiet ippreżentati minn dan l-Istat Membru, fl-istadju tar-replika, ma kinux amplifikazzjoni jew kjarifika ta' motiv imsemmi qabel.
- 31 Barra minn hekk, id-Direttiva 2003/87 ma tikkostitwixxix att ġuridiku partikolarment żviluppat, Il-proċedura kollha ta' notifika tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u l-analiżi tagħhom minn din tal-aħħar, huma rregolati biss permezz ta' artikolu wieħed tal-imsemmija deċizzjoni, jiġifieri l-Artikolu 9 tagħha, kompost mill-paragrafi 1 sa 3. Peress li l-motivi invokati fir-rikors kienu jirreferu għal ksur konkret imwettaq mill-Kummissjoni matul din l-analiżi, huwa diffiċli li jiġi allegat li ma kien hemm ebda rabta evidenti ma' dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 32 L-ewwel aggravju jikkonċerna l-punti 70 sa 79 tas-sentenza appellata. Fil-punt 70 tagħha, il-Qorti Ġenerali qieset li t-tieni motiv tar-rikors għal annullament kien jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti kienet ibbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u t-tieni waħda kienet ibbażata fuq interpretazzjoni kif ukoll applikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva 2003/87. Sussegwentement, fil-punti 71 sa 78 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilment tal-Kummissjoni li jgħid li t-tieni parti tat-tieni motiv hija motiv ġdid imqajjem mir-Repubblika tal-Polonja fl-istadju tar-replika u għandha konsegwentement, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44(1)(ċ) u tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tiġi ddikjarata inammissibbli. Hija kkonstatat li l-argumentazzjoni dwar il-ksur, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-Artikolu 9(3) tal-imsemmija direttiva kien diġà ġie fformulat fl-istadju tar-replika tar-rikors u li l-argumenti addizzjonali li r-Repubblika tal-Polonja kienet ippreżentat fl-istadju tar-replika kienu biss amplifikazzjoni ta' din il-parti. Għaldaqstant, fil-punt 79 tal-imsemmija sentenza, hija ċaħdet dan l-ilment.
- 33 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess Statut u l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kull rikors għandu, b'mod partikolari, jinkludi s-suġġett tal-kawża, it-talbiet u sunt tal-motivi invokati.
- 34 Barra minn hekk, mill-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li l-preżentazzjoni ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża hija pprojbita, sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħroġu matul il-proċedura. Skont ġurisprudenza stabbilita, motiv

li jikkostitwixxi amplifikazzjoni ta' motiv imsemmi qabel, b'mod dirett jew impliċitu, fir-rikors promotur għandu jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Mejju 1983, Verros vs Il-Parlament, 306/81, Ġabra p. 1755, punt 9, tat-13 ta' Novembru 2001, Dürbeck vs Il-Kummissjoni, C-430/00 P, Ġabra p. I-8547, punt 17, tas-26 ta' April 2007, Alcon vs UASI, C-412/05 P, Ġabra p. I-3569, punti 38 sa 40; tas-17 ta' Lulju 2008, Campoli vs Il-Kummissjoni, C-71/07 P, Ġabra p. I-5887, punt 63, u tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni, C-485/08 P, Ġabra p. I-3009, punt 37).

- 35 Madankollu, bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ġustament kienet ikkunsidrat li r-Repubblika tal-Polonja kienet ilmentat lill-Kummissjoni, u dan fl-istadju tar-rikors, li kienet marret lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha mill-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, u li huma relatati mas-setgħa tagħha li tevalwa pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni. Fil-fatt, il-motiv li jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljata ta' din id-dispożizzjoni min-naħa tal-Kummissjoni kien jinsab diġà, anki jekk f'forma mhux wisq żviluppata, fir-rikors promotur. Dan il-motiv kien jinsab, fil-fatt, fl-argumenti ddedikati lill-allegazzjoni li tgħid li, billi astjeniet milli teżamina d-data li r-Repubblika tal-Polonja kienet ippreżentat fil-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tagħha u billi sempliċement inkludiet id-data tagħha stess, il-Kummissjoni kienet marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha.
- 36 Huwa paċifiku li, bħalma l-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 75 tas-sentenza appellata, ir-Repubblika tal-Polonja rreferiet, fil-punt 54 tar-rikors tagħha, għall-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, fil-kuntest tat-tieni motiv tagħha. Għalkemm l-imsemmi Stat Membru esprima ruħu dwar din l-allegazzjoni b'mod iktar iddettaljat u preċiż fir-replika tiegħu, xorta jibqa' l-fatt li kellu d-dritt jamplifika l-argumentazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.
- 37 Barra minn hekk, huwa importanti li jtfakkar li l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 kien jikkostitwixxi bażi legali għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u li teżisti rabta mill-qrib bejn dan l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 9(3). Hekk kif tirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 29 tal-konklużjonijiet tagħha, sa fejn il-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenzi ta' sħarriġ ta' pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, hija tindaħal fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri għat-tfassil tal-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 9(1).
- 38 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li, billi ddikjarat it-tieni parti tat-tieni motiv tar-rikors għal annullament ammissibbli, il-Qorti Ġenerali, ma vvizzjatx id-deċiżjoni tagħha bi żball ta' liġi. L-ewwel aggravju għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87

- 39 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87. Wara li kkritikat l-osservazzjonijiet ġenerali ppreżentati mill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, dwar in-natura tal-istħarriġ eżerċitat mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tal-imsemmija direttiva, din tal-aħħar ippreżentat argumenti li jistgħu jiġu kklassifikati f'żewġ partijiet, ibbażati fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u fuq allegat ksur tal-għan ta' din id-direttiva, rispettivament.

Fuq in-natura tal-istħarriġ tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87

– L-argumenti tal-partijiet

- 40 Il-Kummissjoni tfakkar li, skont il-Qorti Ġenerali, billi ssostitwixxiet id-data inkluża fil-PNA Pollakk bid-“data tagħha stess”, miksuba permezz tal-metodu tagħha ta' evalwazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni tal-Istati Membri, u billi ffissat il-livell massimu ta' kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu

allokati mir-Repubblika tal-Polonja, hija biddlet it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif previst mill-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva 2003/87, u marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha.

- 41 Issa, billi għamlet dan, il-Qorti Ġenerali injorat il-portata tal-kompetenzi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-analiżi tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni, kif jirriżultaw mill-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87. Billi kklassifikat is-setgħa ta' sħarriġ tal-Kummissjoni bħala "ristretta ħafna" hija llimitat ruħha għall-kontenut letterali tal-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-imsemmija dispożizzjoni fl-intier tagħha, l-għan ta' din id-direttiva jew il-prinċipju ta' ugwajanza fit-trattament.
- 42 Is-setgħat ta' sħarriġ tal-Kummissjoni, kif previsti mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87, ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jikkostitwixxu sħarriġ ta' atti ta' traspożizzjoni ta' direttiva. Fil-fatt, l-istħarriġ *ex ante* tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni huwa differenti mill-istħarriġ *ex post* previst fl-Artikolu 226 KE, li bis-saħħa tiegħu, il-Kummissjoni għandha tosserva l-għażla tal-Istati Membri rigward il-forma u l-mezzi sabiex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq minn din id-direttiva. L-imsemmi Artikolu 9 għandu natura regolatorja u jorbot b'mod dirett lil dawn l-Istati. Il-liberta tal-imsemmija Stati Membri fit-tfassil tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni hija limitata b'mod kunsiderevoli mill-Artikolu 9(1), kif ukoll mill-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87. Barra minn hekk, huma jridu jieħdu dejjem inkunsiderazzjoni l-linji gwidi għall-implementazzjoni ta' dawn il-kriterji, li huma mfassla mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(1) tal-imsemmija direttiva, kif ukoll id-diskussjonijiet li jsiru mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23(1) tagħha.
- 43 Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-argumenti kollha esposti mill-Kummissjoni huma intiżi sabiex jikkonfermaw li din tal-aħħar injorat il-portata tal-kompetenzi tagħha kif definiti mid-Direttiva 2003/87. Filwaqt li jirrikonoxxi li pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ma huwiex miżura klassika ta' traspożizzjoni ta' direttiva, dan l-Istat Membru jirrileva li ma jafx b'każijiet ta' applikazzjoni diretta tal-Artikolu 9 tagħha. Fil-fatt, l-Istati Membri għandhom jadottaw, minn qabel, il-miżuri nazzjonali neċessarji. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tuża miżuri ta' sħarriġ *ex ante* anki f'oqsma oħrajn, minkejja l-fatt li dawn huma forom klassiċi ta' traspożizzjoni tad-direttivi. Dawn huwa l-każ ukoll, b'mod partikolari, għal dak li jikkonċerna l-abbozzi ta' miżuri li l-Istati Membri jipprevedu li jadottaw fil-kuntest tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 1994, dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 13, p. 349).
- 44 Anki jekk tiġi amMESSA l-fondatezza tar-raġunament tal-Kummissjoni li jgħid li, mill-perspettiva tal-effikaċja tal-iskema kollha ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, interpretazzjoni oħra li ma hijiex dik tal-Qorti Ġenerali tkun għaqlija, din l-istituzzjoni ma tistax tagħti lilha nnifisha kompetenzi li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma tagħhiex, sabiex ittejjeb il-kontenut ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 45 L-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni jirrigwardaw il-punti 82 sa 92 tas-sentenza appellata, dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif previst fl-Artikoli 9 sa 11 tad-Direttiva 2003/87.
- 46 Fl-imsemmija punti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Istati Membri biss huma kompetenti, minn naħa, sabiex ifasslu l-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tagħhom u, min-naħa l-oħra, sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet finali li jiffissaw, b'mod partikolari, il-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokati. Meta jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom, dawn għandhom ċertu marġni ta' manuvra. Il-Kummissjoni hija awtorizzata, taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, minn naħa, li tivverifika jekk il-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni humiex konformi mal-kriterji msemmija

fl-Anness III ta' din id-direttiva u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tagħha u, min-naħa l-oħra, li tiċħad il-pjanijiet abbażi ta' inkompatibbiltà ma' dawn il-kriterji u dispożizzjonijiet. Is-setgħa ta' sħarriġ tal-Kummissjoni huwa limitat għal sħarriġ ta' legalità.

- 47 F'dan il-każ, hekk kif ġustament irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punti 84 u 89 tas-sentenza appellata, id-Direttiva 2003/87 iddeterminat b'mod ċar u espliċitu, fl-Artikolu 9(1) u (3), kif ukoll fl-Artikolu 11(2) tagħha, it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għat-tfassil, l-isħarriġ u l-implementazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokazżjoni, għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għal dak li jikkonċerna l-limiti sostanzjali tas-setgħa ta' sħarriġ u ta' ċaħda ta' tali pjanijiet, il-Kummissjoni hija awtorizzata biss sabiex tivverifika l-konformità ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru mal-kriterji msemmija fl-Anness III ta' din id-direttiva u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tagħha.
- 48 Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li, fil-punt 82 tas-sentenza appellata, ibbażat ruħha fuq it-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE sabiex tevalwa l-kwistjoni tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif previst fl-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva 2003/87. Il-prinċipju li direttiva torbot lill-Istati Membri destinatarij kollha għal dak li jirrigwarda r-riżultat li jrid jintlaħaq, filwaqt li tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali l-kompetenzi rigward il-forma u l-mezzi sabiex jintlaħaq l-imsemmi riżultat, japplika bħala prinċipju, għal kull direttiva.
- 49 Huwa minnu li jistgħu jeżistu differenzi kbar rigward it-tipi ta' obbligi li d-direttivi jimponu fuq l-Istati Membri u rigward ir-riżultati li dawn għandhom jilħqu. Huwa wkoll paċifiku li d-dispożizzjonijiet tad-direttivi li jikkonċernaw biss ir-relazzjonijiet bejn Stat Membru u l-Kummissjoni jistgħu ma jeħtiġux miżuri ta' traspożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-32/05, Ġabra p. I-11323, punti 35 u 36). Madankollu, dan il-fatt ma għandux effett fuq is-soluzzjoni tal-kawża preżenti. Ma jistax jiġi miċħud li l-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva 2003/87 jirregolaw ir-rwoli rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, fil-kuntest tal-proċedura tal-adozzjoni ta' pjanijiet nazzjonali ta' allokazżjoni, jiġifieri l-kwistjoni dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejniethom. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu li jiġi ddeterminat jekk l-Istati Membri jgawdux minn marġni ta' manuvra jew le sabiex jistabbilixxu l-pjan tagħhom u, jekk ikun il-każ, liema hija l-portata tiegħu.
- 50 F'dan il-każ, ma jistax jiġi miċħud li d-Direttiva 2003/87 ma tistipulax metodu speċifiku għat-tfassil ta' pjan nazzjonali ta' allokazżjoni u għad-determinazzjoni tal-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokat. Anzi bil-kontra, il-punt 1 tal-Anness III tal-imsemmija direttiva jipprovdi espliċitament li l-Istati Membri għandhom jiffissaw il-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokat fid-dawl, b'mod partikolari, tal-politika tal-enerġija nazzjonali u tal-programm nazzjonali fil-qasam tal-bidla fil-klima.
- 51 Għaldaqstant, bħalma l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' manuvra għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/87 u, konsegwentement, sabiex jagħżlu l-miżuri li huma jqisu l-iktar adatti sabiex jilħqu, fil-kuntest speċifiku tas-suq nazzjonali tal-enerġija, l-għan iffissat mill-imsemmija direttiva.
- 52 Għal dak li jirrigwarda l-fatt li, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87, il-pjanijiet nazzjonali ta' allokazżjoni huma evalwati mill-Kummissjoni matul sħarriġ *ex ante*, tali setgħa ta' sħarriġ ċertament hija differenti, b'haġna modi, mill-isħarriġ *ex post* previst fl-Artikolu 226 KE. Dan il-fatt ma jistax madankollu jimplika li l-isħarriġ *ex ante* għandu jmur lil hinn minn sħarriġ ta' legalità.
- 53 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-kritika magħmula mill-Kummissjoni kontra l-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Qorti Ġenerali dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-Kummissjoni kif previst mid-Direttiva 2003/87 għandhom jiġu esklużi.

Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

– L-argumenti tal-partijiet

- 54 Il-Kummissjoni ssostni li, billi ddeterminat il-portata u l-ambitu tas-setgħa ta' sħarriġ tagħha u tal-eżerċizzju ta' din is-setgħa, taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi li essenzjalment jirriżulta fi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 55 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, b'mod partikolari, l-argument li jgħid li dan il-prinċipju jimplika li l-kompatibbiltà tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokazżjoni mal-kriterji msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87 għandha tiġi eżaminata fuq il-bażi ta' metodu ta' evalwazzjoni mfassal mill-Kummissjoni u ta' data aġġornata li tkun ġeja mill-istess sors għall-Istati Membri kollha. Il-fatt li l-Kummissjoni allegatament marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha jirriżulta mill-fatt li din tal-aħħar ma kinitx sħarriġet, fl-ewwel lok, il-kompatibbiltà tad-data inkluża fil-PNA Pollakk mal-kriterji msemmija fl-Anness III ta' din id-direttiva.
- 56 Il-Kummissjoni ssostni li din il-kritika għandha pjuttost tagħmel parti mill-kuntest ta' ksur possibbli tal-obbligu ta' motivazzjoni milli dak ta' ksur tal-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva 2003/87. Fi kwalunkwe każ, din il-kritika hija infondata.
- 57 Qabel kollox, l-argument li jgħid li l-Kummissjoni ssostitwixxiet id-“data” użata fil-PNA Pollakk bid-“data tagħha stess” huwa infondat. Fil-każ ta' data li tikkonċerna l-emmissjonijiet reali ta' CO₂, meta sħarriġet il-PNA Pollakk, hija użat data li kienet ġeja direttament mill-operaturi ta' installazzjonijiet imsemmija mid-Direttiva 2003/87, ivverifikata skont id-Deċiżjoni Nru 280/2004 u ppubblikata fir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet Komunitarju Indipendenti (Community Independent Transaction Log, CITL). Għal dak li jikkonċerna l-evoluzzjoni tal-prodott gross domestiku (PGD) għall-perijodu 2005-2010, din kienet ibbażata fuq statistiki nazzjonali mfassla b'kooperazzjoni ma' esperti nazzjonali.
- 58 Sussegwentement, għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-fatt li jiġi aċċettat li kull Stat Membru juża d-data tiegħu stess, żviluppata permezz tal-kriterji tiegħu stess, jista' jwassal għal trattament mhux uguali bejn l-imsemmija Stati. L-oġettiv u l-għan ta' din id-direttiva, kif ukoll ir-rekwiżit li l-pjanijiet nazzjonali ta' allokazżjoni kollha jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni f'tit jew wisq fl-istess perijodu, jikkonfermaw li dawn il-pjanijiet “jinsabu f'sitwazzjonijiet paragonabbli” u li għandhom jiġu mistħarrġa fuq il-bażi tal-iktar data reċenti għall-istess perijodu, fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-previżjonijiet tal-evoluzzjoni tal-PGD disponibbli fl-istess mument għall-Istati Membri kollha. Il-metodu ta' sħarriġ li huwa kkoordinat jibbaża fuq l-użu ta' data u/jew parametri li ġejjin mill-istess sors u li jikkonċernaw l-istess perijodu huwa ġġustifikat b'mod partikolari mill-għanijiet tad-Direttiva 2003/87, jiġifieri mill-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jsir kontribut għall-preservazzjoni tas-suq intern kollu u li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.
- 59 Fl-aħħar nett, l-argument tal-Qorti Ġenerali jmur kontra dak applikat fid-digriet tagħha tal-20 ta' Ottubru 2008, *BOT Elektrownia Bełchatów et vs Il-Kummissjoni* (T-208/07). F'dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali aċċettat il-limitu ta' żmien tat-tibdiliet li l-Istati Membri jagħmlu għall-pjan nazzjonali ta' allokazżjoni tagħhom billi ddeċidiet li mill-formulazzjoni tad-Direttiva 2003/87 kif ukoll mill-istruttura ġenerali u l-oġettivi tal-iskema li hija tistabbilixxi, jirriżulta li Stat Membru dejjem għandu dritt jissuġġerixxi tibdiliet għal pjan tiegħu wara li jinnotifikah lill-Kummissjoni, u dan sal-adozzjoni tad-deċiżjoni li dan l-Istat irid jieħu skont l-Artikolu 11(2) tal-imsemmija direttiva. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jingħata dritt illimitat *ratione temporis* sabiex jippreżenta t-tibdiliet fil-pjan nazzjonali ta' allokazżjoni tiegħu li jwasslu għal żieda fil-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokat, i

wara l-pubblikazzjoni ta' data ekonomika u/jew ta' previżjonijiet iktar aġġornati, l-għan ta' din id-direttiva u l-funzjonament tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, ikunu ddestinati għall-falliment.

- 60 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li din l-ewwel parti tat-tieni aggravju tiġi miċħuda. Id-Direttiva 2003/87 tobbliga lill-Kummissjoni tagħmel analiżi individwali ta' kull pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni. L-imsemmija direttiva ma għandhiex l-għan li kull wiehded mill-Istati Membri jnaqqas "akkost ta' kollox" l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, iżda hija intiża sabiex twettaq l-impenji previsti fil-Protokoll ta' Kyoto filwaqt li ssir l-anqas ħsara possibbli lill-iżvilupp ekonomiku. Meta tanalizza l-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni reali ta' kull wiehded mill-Istati Membri, b'mod partikolari, sa liema punt laħqu l-għanijiet previsti fl-imsemmi protokoll, il-bżonnijiet individwali ta' kull Stat Membru marbut mal-partikularità tal-ekonomija tagħhom jew mal-grad ta' żvilupp tal-ekonomija nazzjonali. It-trattament li jagħmel distinzjoni bejn l-Istati Membri huwa oġġettivament fondat fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, b'inkunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tas-suq tal-enerġija ta' kull wiehded mill-Istati Membri u ta' sa liema punt twettqu l-impenji previsti minn dan il-protokoll.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 61 L-ewwel parti tat-tieni aggravju tirrigwarda l-punti 100 sa 120 tas-sentenza appellata. F'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li s-setgħa ta' sħarriġ li l-Kummissjoni għandha, taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, hija limitata għal sħarriġ ta' konformità tad-data inkluża f'kull pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni mal-kriterji elenkati fl-Anness III ta' din id-direttiva u li hija ma għandhiex dritt tissostitwixxi d-data inkluża mill-Istat Membru fil-pjan tiegħu bid-data tagħha stess. L-Istati Membri biss huma kompetenti sabiex ifasslu pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni u sabiex jieħdu deċizzjoni finali dwar il-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokat. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 104 tal-imsemmija sentenza, "li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-Istati Membri ma tistax ikollha bħala effett li timmodifika t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif previst mi[l-l-imsemmija] Direttiva".
- 62 Qabel kollox, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza jitlob li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod uguali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, Ġabra. p. I-9895, punt 23).
- 63 Il-ħtieġa li jiġi osservat dan il-prinċipju ma tistax, madankollu, tbiddel it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif previst minn dispożizzjoni tal-Unjoni. Issa, kif ġie kkonfermat fil-punt 47 tas-sentenza preżenti, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 jagħti biss lill-Kummissjoni setgħa ta' sħarriġ ta' legalità tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni, li tippermettilha tiċħad pjan li ma huwiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87 jew mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tagħha.
- 64 Għal dak li jirrigwarda l-grad ta' din is-setgħa, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat, fil-punt 101 tas-sentenza appellata, li l-imsemmija setgħa ta' sħarriġ tirrigwarda neċessarjament id-data inkluża fil-PNA Pollakk. Huwa l-obbligu tal-Kummissjoni li tistħarreġ l-għażla tad-data tal-Istat Membru kkonċernat għall-finijiet tat-tfassil tal-pjan tiegħu.
- 65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li qieset li l-Kummissjoni kienet obbligata teżamina d-data inkluża mir-Repubblika tal-Polonja fil-pjan tagħha. Fil-każ fejn il-Kummissjoni kellha dubji dwar l-imsemmija data, hija kellha l-obbligu li titlob kjarifika mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u anki turi n-nuqqas ta' konformità ta' din id-data mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87.

- 66 L-argumenti mqajma mill-Kummissjoni dwar in-natura simultanja tal-istħarriġ ta' pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni ma humiex tali li jimminaw din il-konklużjoni. Fil-fatt, dawn l-argumenti huma bbażati fuq kunċett żbaljat tas-setgħa ta' stħarriġ tagħha, taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87. Kif tirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tagħha, id-differenzi possibbli fir-rigward tad-data u tal-metodi ta' evalwazzjoni użati mill-Istati Membri huma manifestazzjoni tal-marġni ta' manuvra tagħhom, li l-Kummissjoni għandha tosserva fil-kuntest tal-istħarriġ ta' konformità tagħha.
- 67 F'dan il-kuntest għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni tista' tiżgura ugwaljanza fit-trattament għall-Istati Membri b'mod xieraq billi teżamina l-pjan ippreżentat minn kull wieħed minnhom bl-istess grad ta' diliġenza. Għandu wkoll jinfakkar li l-Kummissjoni tista' tagħżel punt komuni ta' paragun bejn il-pjanijiet imfassla minn kull wieħed minn dawn l-Istati. Kif il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 102 tas-sentenza appellata, għal dan il-għan, din tista' fost oħrajn tfassal "il-metodu tagħha ta' evalwazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni" bbażat fuq id-data li hija tikkunsidra l-iktar adattata u tużah bħala għodda ta' paragun sabiex tivverifika jekk id-data inkluża fil-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni hijiex kompatibbli mal-kriterji msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87.
- 68 Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-argument tal-Kummissjoni, li jgħid li billi qieset li hija ma setgħetx tissostitwixxi d-data użata mir-Repubblika tal-Polonja fil-pjan tagħha b'dik miksuba permezz tal-metodu ta' evalwazzjoni tagħha stess, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod żbaljat, din id-data tal-aħħar bħala d-data tal-Kummissjoni stess, dan l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-punti 100 sa 103 u 120 tas-sentenza appellata. Kif tirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 76 tal-konklużjonijiet tagħha, billi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma setgħetx tissostitwixxi d-data użata mir-Repubblika tal-Polonja bid-data tagħha stess, il-Qorti Ġenerali ma kinitx qiegħda tirreferi għall-għażla jew is-sors tad-data użata mill-Kummissjoni, iżda l-fatt li din ma kinitx stharriġet il-kompatibilità tad-data li tinsab fil-PNA Pollakk mal-kriterji msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87.
- 69 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.
- Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, ibbażat fuq il-ksur tal-għan tad-Direttiva 2003/87
- L-argumenti tal-partijiet
- 70 Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 bi ksur tal-għan mixtieq minnha.
- 71 Is-setgħat ta' stħarriġ li għandha l-Kummissjoni taħt din id-dispożizzjoni għandhom jinqraw u jiġu interpretati fid-dawl tal-għanijiet tad-Direttiva 2003/87. Issa, l-imsemmija direttiva tistabbilixxi, skont l-Artikolu 1 tagħha, skema Komunitarja ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex tiffavirixxi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' dawn il-gassijiet b'manjera effettiva rigward spejjeż u effikaċja ekonomika. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fis-sentenza tagħha Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, iċċitata iktar 'il fuq, li l-għan finali ta' din l-iskema huwa l-ħarsien tal-ambjent u li l-imsemmija skema tinkoraġġixxi u tiffavorixxi t-tfittix tal-inqas spejjeż sabiex jinkiseb tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet. Minn din is-sentenza jirriżulta li dan l-għan jista' jintlaħaq biss meta t-talba għal kwoti teċċedi l-offerta fis-suq ta' kwoti Komunitarji. Barra minn hekk, skont il-premessa 7 tad-Direttiva 2003/87, l-implementazzjoni ta' din l-istess skema għandha tikkontribwixxi sabiex tinżamm l-integrità tas-suq intern u jiġi evitat li l-kompetizzjoni tiġi distorta.
- 72 Bil-kontra ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, l-istħarriġ imwettaq mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87 ma jistax ikun stħarriġ "ristrett ħafna", ridott għal sempliċi verifika ta' data użata mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, huwa possibbli li jiġi pprovat *ex post* li r-rikonoxximent mingħajr kundizzjonijiet

tad-data ta' emissjonijiet ta' CO₂ indikati fil-PNA Pollakk, kif ukoll il-kwantità totali proposta ta' kwoti li jridu jiġu allokatu waslu għal riżultat li ma jmurx biss kontra l-kriterji Nru 1 sa 3 tal-Anness III tad-Direttiva 2003/87 iżda wkoll kontra l-għan ta' din id-direttiva li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂.

- 73 Il-Kummissjoni tikkontesta wkoll id-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li d-deċiżjoni kontenzjuża biddlet it-tqassim tal-kompetenzi bejnha u l-Istati Membri, kif previst mill-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva 2003/87.
- 74 Ir-Repubblika tal-Polonja tikkunsidra li din it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda. Filwaqt li tammetti li l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 ma huwiex preċiż, hija tenfasizza li l-użu ta' interpretazzjoni teleoloġika tal-imsemmija direttiva ma tistax twassal sabiex din id-dispożizzjoni tingħata sens li jmur kontra dak li jirriżulta minn interpretazzjoni letterali ta' din tal-aħħar.
- 75 Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ma jikkostitwixxix għan awtonomu tad-Direttiva 2003/87. La d-dispożizzjonijiet tagħha, la l-funzjonament tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u lanqas is-sostenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-Istati Membri, ma jistgħu jitqiesu bħala raġunijiet li jippermettu li l-Istati Membri jintrabtu li jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom li huma superjuri għal dik meħtieġa mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-imsemmija direttiva ma għandhiex l-għan li tnaqqas "akkost ta' kollox" l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, iżda li tnaqqashom "billi ssir l-anqas ħsara possibbli lill-iżvilupp ekonomiku u lill-impjieg". Din id-direttiva hija intiża sabiex tistabbilixxi sistema Komunitarja ta' skambju ta' kwoti ta' tali emissjonijiet li tippermetti li dawn l-għanijiet jitwettqu "b'manjera effettiva rigward spejjeż u effiċjenza ekonomika".

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 76 It-tieni parti tat-tieni aggravju tikkonċerna l-punti 121 sa 131 tas-sentenza appellata. F'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali qieset li billi fid-deċiżjoni kontenzjuża ffixxat kwantità speċifika ta' kwoti li kwalunkwe eċċess tagħha kien meqjus bħala inkompatibbli mal-kriterji stabbiliti mid-Direttiva 2003/87, u billi ħadhet il-PNA Pollakk sa fejn il-kwantità totali ta' kwoti proposta fih kienet teċċedi dan il-limitu, il-Kummissjoni marret lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' sħarriġ tagħha taħt l-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva.
- 77 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li l-għan prinċipali ddikjarat tad-Direttiva 2003/87 huwa li jitnaqqsu, b'mod sostanzjali, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sabiex jiġi osservati l-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri fid-dawl tal-Protokoll ta' Kyoto. Dan il-għan għandu jinkiseb filwaqt li jiġu osservati sensiela ta' għanijiet sekondarji u bl-użu ta' ċerti għodda. L-għodda prinċipali f'dan ir-rigward hija l-iskema Komunitarja ta' skambju ta' drittijiet ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kif jirriżulta mill-Artikolu 1 u l-premessa 2 tad-Direttiva 2003/87. L-imsemmi Artikolu 1 isostni li din l-iskema tiffavorixxi t-tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet b'manjera effettiva rigward spejjeż u effikaċja ekonomika. L-għanijiet sekondarji l-oħra li din l-iskema għandha tissodisfa huma, b'mod partikolari, hekk kif huwa espost fil-premessi 5 u 7 ta' din id-direttiva, iż-żamma tal-iżvilupp ekonomiku u tal-impjieg kif ukoll dak tal-integrità tas-suq intern u tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni.
- 78 F'dan il-każ, anki jekk jiġi preżunt li l-approċċ irrakkomandat mill-Kummissjoni huwa tali li jtejjeb il-funzjonament tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni u jippermetti għaldaqstant li jintlaħaq b'mod iktar effettiv l-għan li jitnaqqsu, b'mod sostanzjali, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, din iċ-ċirkustanza ma tistax tbiddel it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif previst fl-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva 2003/87.
- 79 Fil-fatt, fil-qasam ta' kompetenza kondiviża, bħal dak tal-ħarsien tal-ambjent, huwa l-obbligu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiddetermina l-miżuri li huwa jqis neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa, filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 KE.

- 80 Ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti biss lill-Kummissjoni setgħa ta' sħarriġ ta' konformità tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni mal-kriterji msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87, u mhux setgħa ta' sostituzzjoni jew ta' armonizzazzjoni li tinkludi s-setgħa li tiffissa kwantità massima ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokat, tirriżulta kemm mill-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 kif ukoll mix-xogħlijiet preparatorji ta' din id-direttiva. Għaldaqstant, jekk jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni tista' tiffissa tali kwantità massima dan imur lil hinn mil-limiti ta' interpretazzjoni teleoloġika ta' din id-direttiva u jwassal sabiex din l-istituzzjoni tingħata setgħat li ma għandhom l-ebda bażi legali.
- 81 Kif jirriżulta diġà mill-punt 47 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali għaldaqstant għustament iddeċidiet, fil-punt 89 tas-sentenza appellata, li mill-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 jirriżulta b'mod inekwivoku li r-rwol tal-Kummissjoni huwa limitat għal sħarriġ tal-konformità tal-pjan nazzjonali ta' allokkazzjonijiet ta' Stat Membru mal-kriterji msemmija fl-Anness III tal-imsemmija direttiva jew mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tagħha. Hija għustament qieset li l-Kummissjoni għandha d-dritt li tivverifika din il-konformità u li tiċċad il-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni fuq il-bażi ta' inkompatibbiltà ma' dawn il-kriterji jew dawn id-dispożizzjonijiet.
- 82 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni, li huwa l-uniku wieħed li għandu kompetenza sabiex jemenda d-Direttiva 2003/87, qies neċessarju li jemenda l-Artikolu 9 tagħha permezz tad-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, p. 63). Din id-direttiva li temenda tipprevedi l-implementazzjoni ta' skema iktar armonizzata sabiex tuża bl-aħjar mod l-iskambju ta' kwoti, jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq intern u jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' rabta bejn id-diversi skemi ta' skambju.
- 83 Għal dak li jikkonċerna l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li huwa possibbli li jiġi pprovat *ex post* li r-rikonoxximent mingħajr kundizzjonijiet tad-data ta' emissjonijiet ta' CO₂ u tal-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, indikati fil-PNA Pollakk, wassal għal riżultat li jmur kontra l-kriterji Nru 1 sa 3 tal-Anness III tad-Direttiva 2003/87, din l-allegazzjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Fil-fatt, kif tirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tagħha, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-Kummissjoni tista' tiċċad pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni li ma huwiex konformi mal-kriterji elenkati f'dan l-anness u għaldaqstant ma qisitx li l-Kummissjoni kellha tapprova mingħajr kundizzjonijiet id-data inkluża fil-PNA Pollakk.
- 84 Għal dak li jirrigwarda l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li, fl-interess tal-ekonomija ta' ġudizzju, din għandha tingħata s-setgħa li tiffissa l-livell massimu ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokat, huwa ċertament veru li tali approċċ inaqas ir-riskju li jiġu adottati deċiżjonijiet suċċessivi li jiċċdu l-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni fuq il-bażi ta' inkompatibbiltà mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87. F'dan il-kuntest, huwa importanti madankollu li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni ma tmurx lil hinn mil-kompetenzi tagħha jekk hija tiddikjara, fid-dispożittiv ta' deċiżjoni li tiċċad pjan, mingħajr ma tiddetermina b'mod vinkolanti l-kwantità massima ta' tali kwoti, li hija ma hijiex ser tiċċad it-tibdiliet magħmula f'dan il-pjan sakemm dawn ikunu konformi mal-proposti u r-rakkomandazzjonijiet magħmula f'din id-deċiżjoni ta' ċaħda. Tali approċċ huwa konformi mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u jissodisfa wkoll l-għanijiet tal-ekonomija tal-ġudizzju.
- 85 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma tistax issostni li permezz tal-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87, il-Qorti Ġenerali kisret l-għanijiet li jridu jintlaħqu minnha. It-tieni parti tat-tieni aggravju għandha, konsegwentement, tiġi miċħuda bħala infondata.
- 86 Peress li l-kritiki magħmula mill-Kummissjoni kontra l-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Qorti Ġenerali li jikkonċernaw it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kif previst mid-Direttiva 2003/87 ġew miċħuda u ż-żewġ partijiet tat-tieni aggravju ma setgħux jiġu milqugħa, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondata.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-obbligu ta' motivazzjoni msemmi fl-Artikolu 253 KE u l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87

L-argumenti tal-partijiet

- 87 Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 253 KE. Fil-fatt, hija qieset, bi żball, li l-Kummissjoni kienet injorat, mingħajr raġuni u "mingħajr motivazzjoni rilevanti", il-metodu ta' analiżi ekonomika użat mir-Repubblika tal-Polonja, kif ukoll id-data inkluża minnha fil-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tagħha. Issa, ma huwiex neċessarju li att jispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti. Din il-motivazzjoni għandha tirriżulta mill-kuntest li fih ġie adottat dan l-att kif ukoll mir-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat. Barra minn hekk, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet suffiċjenti sabiex ir-Repubblika tal-Polonja tkun tista' tifhem ir-raġunijiet għaliex id-data inkwistjoni ma ttiġidix inkunsiderazzjoni u l-metodu ta' analiżi użat ġie injorat. Apparti dan, dan l-Istat Membru kellu punti ta' fatt u ta' liġi addizzjonali li jippermettulu jifhem l-imsemmija raġunijiet.
- 88 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li dan l-aggravju jiġi miċħud. Il-Kummissjoni ssostni, b'mod żbaljat, li l-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' każda tal-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tagħha huwa ta' "natura limitata" u li ma hemmx lok li jiġu spjegati r-raġunijiet preċiżi ta' każda tad-data u tal-metodi użati f'tali pian.
- #### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja
- 89 It-tielet aggravju jikkonċerna l-punti 135 sa 153 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali eżaminat, għal raġunijiet ta' komplettezza, il-fondatezza tal-ewwel parti tat-tieni motiv tar-rikors ibbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fil-punti 136 sa 143 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ttrattat, l-ewwel nett, il-portata ta' dan l-obbligu. Wara li fakkret il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 253 KE, fil-punt 143 ta' din is-sentenza hija ddeċidiet li "hija l-Kummissjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' sħarriġ tagħha, skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva [2003/87], li għandha tispjega kif l-istrumenti użati mir-Repubblika tal-Polonja sabiex tfassal il-[pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tagħha] kienu inkompatibbli mal-kriterji tal-Anness III u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva". Barra minn hekk, fil-punti 144 sa 152 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet li l-Kummissjoni kienet kisret dan l-obbligu. Għaldaqstant, hija kkonkludiet, fil-punt 153 tas-sentenza appellata, li din l-ewwel parti kienet fondata.
- 90 Għandu jiġi kkonstatat li dan il-motiv huwa intiż, kif jirriżulta mill-punt 134 tas-sentenza appellata, kontra motiv mogħti għal finijiet ta' komplettezza tal-imsemmija sentenza u, għaldaqstant, anki jekk jiġi jitqies bħala fondat, ma huwiex tali li jwassal għall-annullament tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2004, van den Berg vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-164/01 P, Ġabra p. I-10225, punt 60, kif ukoll tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 148).
- 91 Fil-fatt, il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kinitx kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni meta eskcludiet il-metodu ta' analiżi ekonomika użat mir-Repubblika tal-Polonja, kif ukoll id-data inkluża fil-PNA Pollakk, ma għandhiex effett fid-dawl tal-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali meta hija ġustament ikkunsidrat, fil-punt 132 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet kisret id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva 2003/87, minn naħa, billi ssostitwixxiet id-data inkluża fil-PNA Pollakk bid-data tagħha stess, miksuba permezz tal-metodu tagħha ta' evalwazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni u, min-naħa l-oħra, billi ffissat il-livell massimu għall-kwantità totali ta' kwoti li riedu jiġu allokat i mir-Repubblika tal-Polonja matul il-perijodu 2008-2012.
- 92 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-analiżi tan-natura inseparabbli tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża

L-argumenti tal-partijiet

- 93 Il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kkunsidrat li l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kinex separabbli mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-deċiżjoni kontenzjuża u li, konsegwentement, annullat din id-deċiżjoni kollha kemm hi.
- 94 Is-sentenza appellata tibbaża ruħha fuq fehma żbaljata tan-natura separabbli tad-dispożizzjonijiet tal-atti tal-Unjoni, kif ukoll fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza, iċċitata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 156 tas-sentenza appellata, u fid-deċiżjoni kontenzjuża. Skont il-Kummissjoni, hija ġurisprudenza stabbilita li r-rekwiżit ta' separabbiltà ma huwiex sodisfatt meta l-annullament parzjali ta' att ikollu l-effett li jbidel is-sustanza tiegħu. Madankollu, dan ma jkunx il-każ rigward kwalunkwe emenda tal-kontenut tal-att. Fil-fatt, jekk tinbidel is-sustanza ta' att, dan jimplika t-trasformazzjoni tiegħu f'att li l-awtur tiegħu ma kellux l-intenzjoni li jadotta jew li ma kienx jadotta.
- 95 Il-Kummissjoni tqis li hemm rabta bejn il-paragrafi 1 tal-Artikoli 1 sa 3 tad-deċiżjoni kontenzjuża u li l-paragrafi l-oħra, kemm tal-Artikolu 1 kif ukoll tal-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni huma separabbli mill-paragrafu 1 ta' kull wieħed minn dawn l-artikoli. Barra minn hekk, teżisti rabta li tista tiġi sseparata bejn il-kriterji Nru 1 sa 3 msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87, minn naħa, u l-kriterji Nru 5, 6, 10 u 12 elenkati f'dan l-anness min-naħa l-oħra, l-istess bħalma teżisti rabta bejn il-kwantità globali ta' kwoti li jridu jiġu allokat u metodi oħrajn li jirrigwardaw tibdiliet eventwali fil-futur tal-pjan nazzjonali ta' allokazzi li jidher fl-Artikolu 3(2) u (3) tal-imsemmija deċiżjoni.
- 96 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dan l-aggravju. Id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża li n-nullità tagħhom ġiet ikkonstatata fis-sentenza appellata jikkostitwixxu element essenzjali ta' din id-deċiżjoni. Mingħajr dawn id-dispożizzjonijiet, din id-deċiżjoni ma tkunx loġika.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 97 Ir-raba' aggravju jikkonċerna l-punti 155 sa 162 tas-sentenza appellata li jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża humiex serapabbli jew le mill-kumpliment ta' din id-deċiżjoni u dwar jekk il-Qorti Ġenerali annullatx, b'mod ġust, din id-deċiżjoni kollha kemm hi.
- 98 Hekk kif il-Qorti Ġenerali fakkret fil-punt 156 tas-sentenza appellata, l-annullament parzjali ta' att tal-Unjoni huwa possibbli biss sa fejn l-elementi li jkun qed jintalab l-annullament tagħhom ikunu separabbli mill-kumpliment tal-att (sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-29/99, Ġabra p. I-11221, punt 45, u tat-30 ta' Settembru 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-239/01, Ġabra p. I-10333, punt 33, ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-378/00, Ġabra p. I-937, punt 30). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll ripetutament li r-rekwiżit ta' separabbiltà ma jkunx sodisfatt meta l-annullament parzjali ta' att ikollu l-effett li jbidel is-sustanza tiegħu (sentenza tal-24 ta' Mejju 2005, Franza vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-244/03, Ġabra p. I-4021, punt 13; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1998, Franza *et* vs Il-Kummissjoni, C-68/94 u C-30/95, Ġabra p. I-1375, punt 257, u Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).
- 99 F'dan il-każ, il-verifika tan-natura separabbli tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża mill-kumpliment ta' din id-deċiżjoni tippresupponi l-eżami tal-portata tal-imsemmija dispożizzjonijiet, sabiex ikun jista' jiġi evalwat jekk l-annullament tagħhom ibiddilx l-ispirtu u s-sustanza tal-imsemmija deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 29).

- 100 Huwa importanti li jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża huma r-riżultat ta' evalwazzjoni negattiva, mwettqa mill-Kummissjoni, dwar il-PNA Pollakk, kif emendat mir-Repubblika tal-Polonja. L-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni telenka diversi inkompatibbiltajiet ta' dan il-pjan ma' kriterju wieħed jew diversi kriterji msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87. L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża jinkludi l-impenn min-naħa tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet dwar il-pjan li ser jiġi adottat wara din id-deċiżjoni ta' ċaħda sakemm l-Istat Membru kkonċernat jadotta t-tibdiliet elenkati fil-paragrafi 1 sa 5 tal-imsemmi artikolu. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża, jirrigwarda l-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokatu u l-Artikolu 3(2) u (3) jinkludi kjarifiki dwar l-impelmentazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-imsemmija deċiżjoni.
- 101 Għal dak li jikkonċerna, b'mod iktar partikolari, ir-relazzjoni bejn minn naħa, l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet l-oħra tagħha, għandu jiġi kkonstatat li, filwaqt li jirreferu għal diversi aspetti tal-PNA Pollakk u għal diversi kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87, dawn id-dispożizzjonijiet jiffurmaw unità inseparabbli.
- 102 Minn naħa, ma jistax jiġi miċħud li l-iffissar tal-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokatu (kriterji Nru 1 sa 3 tal-Anness III tad-Direttiva 2003/87), imsemmija mill-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża, huwa l-element prinċipali tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokkazzjoni u huwa marbut mill-qrib mal-elementi l-oħra ta' tali pianijiet.
- 103 Min-naħa l-oħra, hekk kif għustament ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punti 157 u 158 tas-sentenza appellata rispettivament, fid-dawl tal-istruttura tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-eventwali annullament ta' wħud mill-paragrafi ta' dan l-Artikolu tad-deċiżjoni kontenzjuża "jirriżulta fit-tnaqqis tan-numru ta' inkompatibbiltajiet mad-Direttiva [2003/87], li ġew ikkonstatati fid-deċiżjoni kkontestata". Għal dak li jirrigwarda l-annullament ta' uħud mill-paragrafi tal-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, dan "iwassal sabiex il-Kummissjoni żżomm fis-seħħ l-impenn tagħha li ma toġġezzjonax għall-[PNA Pollakk], filwaqt li jnaqqas in-numru ta' tibdiliet li għalihom kien suġġett inizjalment dan l-impenn".
- 104 Madankollu, xejn fl-imsemmija deċiżjoni ma jippermetti li jiġi preżunt li l-PNA Pollakk seta' jiġi kkunsidrat bħala kompatibbli mad-Direttiva 2003/87 mingħajr ma jsiru t-tibdiliet kollha elenkati f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar.
- 105 Fil-fatt, kif għustament irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 161 tas-sentenza appellata, annullament eventwali ta' wieħed mill-paragrafi tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża, kif ukoll ta' dak korrispondenti tal-Artikolu 2 tagħha "jissostitwixxi [din id-deċiżjoni, li permezz tagħha l-PNA [Pollakk] jista' jiġi adottat taħt il-kundizzjoni ta' ħames emendi speċifiċi li jippermettu r-rimedju għal ħames inkompatibbiltajiet mal-kriterji tal-Anness III tad-Direttiva [2003/87], b'deċiżjoni differenti li taħtha dan il-pjan jkun jista' jiġi adottat taħt il-kundizzjoni ta' numru iżgħar ta' emendi".
- 106 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi għustament ikkonstatat li l-Qorti Ġenerali sostniet, fil-punt 160 tas-sentenza appellata, li annullament eventwali ta' wieħed mill-paragrafi tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll dak tal-paragrafu korrispondenti tal-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni jkollu l-effett li jbidel is-sustanza stess tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 107 Għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 3(2) u (3) tad-deċiżjoni kontenzjuża, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu preċiżazzjonijiet li jirrigwardaw l-implementazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tad-deċiżjoni kontenzjuża. Għaldaqstant, sa fejn l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża huma annullati, l-Artikolu 3(2) u (3) ma għandux iktar għan.

- 108 Dawn il-konklużjonijiet ma jistgħux jiġu invalidati mill-allegazzjoni tal-Kummissjoni li jekk is-sustanza ta' att tal-Unjoni jinbidel dan ifisser biss it-trasformazzjoni tiegħu f'att li l-awtur tiegħu ma kellux l-intenzjoni li jadotta jew li ma kienx jadotta. Għal dak ir-rigward huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-kwistjoni dwar jekk annullament parzjali jbidilx is-sustanza tal-att tal-Unjoni jikkostitwixxi kriterju oġġettiv u mhux kriterju suġġettiv marbut mar-rieda politika tal-awtorità li adotta dan l-att inkwistjoni (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, punt 37, kif ukoll Franza vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 14).
- 109 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma vvizzjatx is-sentenza tagħha bi żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża ma humiex separabbli mid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-deċiżjoni u billi annullat, konsegwentement, din id-deċiżjoni kollha kemm hi. Għaldaqstant, ir-raba' aggravju ma huwiex fondat.
- 110 Peress li l-ebda wieħed minn dawn l-aggravji invokati mill-Kummissjoni ma ġie milqugħ, l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

- 111 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 tal-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbatl l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja.
- 112 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(4), ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Rumanija kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li intervenew fil-kawża, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-appell huwa miċħud.**
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.**
- 3) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Rumanija kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Firem